TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 293/10

**John Bonavia**

**vs**

**ITC Ltd Domestic Appliances Department**

Illum 27 t' April, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija u tnejn u tmenin ewro, w erbgħa u tletin ċenteżmi (€582.34), rappreżentanti prezz ta' magna tal-ħasil u parti mill-ħwejjeġ li ġew rovinati.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara magna tal-ħasil bil-prezz ta' erba' mija u tmenin ewro (480), u mill-ewwel bdiet bil-problemi. Il-magna ma bdietx taħsel tajjeb u bdiet tagħmel il-ħsara fil-ħwejjeġ.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet verbalment illi r-rikorrenti kienu qed jużaw deterġenti esaġerat u li din kienet il-problema, u kif ukoll li kien hemm bżonn għall-installazzjoni ta' pompa.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, jinnota li sal-ħin tas-seduta s-soċjeta' intimata kienet għada ma ppreżentatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li din il-magna tal-ħasil kienet tagħthom il-problemi mill-bidu u li minkejja diversi pariri, din xorta baqgħet bil-problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-magna tal-ħasil tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**